051977/EU XXIV.GP
Eingelangt am 20/05/11

**COUNCIL OF
THE EUROPEAN UNION**

**Brussels, 20 May 2011**

**10423/11**

**Interinstitutional File:
2011/0058 (CNS)**

**FISC 65
INST 262
PARLNAT 145**

**COVER NOTE**

| | |
|---|---|
| from: | The Speaker of the House of Representatives of the Parliament of Malta |
| date of receipt: | 17 May 2011 |
| to: | The President of the Council of the European Union |
| Subject: | Proposal for a Council Directive on a Common Consolidated Corporate Tax Base (CCCTB)<br>[doc. 7263/11 FISC 23 - COM(2011) 121 final]<br>- *Opinion*[1] *on the application of the Principles of Subsidiarity and Proportionality* |

Delegations will find attached the abovementioned opinion.

Encl.

[1] This opinion is available in English on the interparliamentary EU information exchange site (IPEX) at the following address: http://www.ipex.eu/ipex/cms/home/Documents/pid/10

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar**
**Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB) - KUMM (2011) 121**

**Opinjoni Motivata tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta**

---

Filwaqt li wieħed jinnota li l-għan ewlieni tal-Proposta dwar Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB) hu li tneħħi xi impedimenti importanti għat-tkabbir fis-suq intern, prinċiparjament dawk relatati mal-eżistenza ta' 27 sistema fiskali nazzjonali differenti, il-Parlament Malti hu tal-fehma li dan il-għan mhux ser jintlaħaq. Il-Kummissjoni Ewropea hi tal-fehma li dan is-suġġett jitlob approċċ komuni fir-rigward ta' regoli li fost l-oħrajn jittrattaw għajnuna għat-telf transkonfinali, u r-ristrutturar ħieles mit-taxxa ta' gruppi. Il-Parlament hu tal-fehma li l-għanijiet ta' din id-Direttiva jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effiċjenti b'mezzi nazzjonali.

Il-Prinċipji tas-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità jsiru relevanti fejn l-Unjoni u l-Istati Membri jikkondividu l-kompetenza f'xi qasam skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-kwistjoni ma tqumx. Il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni hi ovvjament eskluża f'materji fiskali. Għaldaqstant, l-unika possibbiltà oħra (kif il-Kummissjoni tassumi) hi li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom kompetenzi kondiviżi f'affarijiet fiskali, kif jippermetti t-Trattat dwar is-suq intern in ġenerali. Il-kwistjoni hi jekk l-Unjoni għandhiex is-setgħa li tadotta miżuri ta' armonizzazzjoni fiskali tan-natura ta' din il-miżura partikolari proposta.

*Is-setgħa tal-Unjoni li taġixxi*

L-aħħar verżjoni tat-Trattat tagħmel ċar, aktar minn qatt qabel, li l-Unjoni u l-istituzzjonijiet ma jistgħux jaġixxu jekk mhux strettament fit-termini tas-setgħat konferiti lilhom mit-Trattati (il-prinċipju tal-konferiment). Din kienet id-direzzjoni li ttieħdet minn żmien it-Trattat ta' Maastricht, li ġiet imsaħħa wara r-riżultati negattivi tar-referenda dwar it-Trattat Kostituzzjonali fl-Irlanda u fi Franza fl-2005.

F'dan il-każ, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-setgħa ġiet konferita lill-Unjoni permezz tal-Artiklu 115 tat-TFUE li jippermetti lill-Kunsill, li b'mod unanimu skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali, u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, li joħroġ Direttivi għall-approssimazzjoni ta' tali liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jaffettwaw direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern.

Il-Kummissjoni tidher li qed tirraġuna li Artiklu 115 japplika f'każ ta' inapplikabbiltà tal-Artiklu 114, għar-raġuni illi kellha taċċetta li l-paragrafu 1 ta' Artiklu 114 innifsu ma jistax jintuża peress illi paragrafu 2 jeskludi l-użu tiegħu, u għaldaqstant l-adozzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, f'materji fiskali. L-implikazzjoni hi li l-Kummissjoni hi tal-opinjoni li Artiklu 114 (2) ma jsolvix il-kwistjoni tal-armonizzazzjoni tat-taxxa, u li liġijiet fiskali jistgħu jkunu armonizzati sakemm ikun użat Artiklu 115. Dan minkejja illi l-Artiklu 115 stess jiddikjara illi jopera mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 114.

Però, l-Artiklu 115 jitkellem dwar 'approssimazzjoni' tal-liġijiet eċċ. B''approssimazzjoni tal-liġijiet' normalment nifhmu li jintlaħaq riżultat komuni permezz tal-konverġenza ta' liġijiet nazzjonali għal dak il-għan. Normalment ma tfissirx unifikazzjoni ta' liġijiet jew kreazzjoni ta' liġi jew sistema Ewropea unika. Fil-passat, kull inizjattiva ambizzjuża simili kien ikollha bżonn tiddaħħal permezz ta' Regolament u bażi oħra fit-Trattat apparti mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar 'approssimazzjoni' ta' liġijiet. F'dawn l-aħħar snin, barra

minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat l-użu tal-Artiklu 114 innifsu mill-Kummissjoni (id-dispożizzjoni prinċipali għall-approssimazzjoni ta' liġijiet – li tippermetti maġġoranza kwalifikata, aktar milli unanimità, fil-Kunsill). Pereżempju, johroġ mill-Każ dwar 'Reklamar tal-prodotti tat-Tabakk' (Każ C-376/98) li huwa neċessarju tistabbilixxi li azzjoni mill-Unjoni tikkontribwixxi għall-istabbiliment jew funzjonament tas-suq intern imma ma tmurx oltre. B'mod partikolari, azzjoni bħal din effettivament m'għandhiex tirriżulta fl-eliminazzjoni tal-'kompetizzjoni'. Lanqas m'għandha jkollha l-iskop li 'tirregola' s-suq intern, speċjalment mhux billi tidħol f'dawk li huma kompetenzi tal-Istati Membri, u ċertament mhux mingħajr test ċar li hemm konnessjoni bejn kull miżura proposta u l-objettivi tas-suq intern fid dawl tat-Trattat fit-totalità tiegħu.

Barra minn hekk, l-Artiklu 4 (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (post-Liżbona) jipprovdi li l-Unjoni għandha tirrispetta l-'funzjonijiet essenzjali' tal-Istati Membri. Ma teżisti l-ebda definizzjoni ċżawrjenti ta' dawn il-'funzjonijiet essenzjali tal-istati' fl-Artiklu 4, u aħna tal-fehma sħiħa illi l-miżura taf timpinġi, u fl-opinjoni tagħna fil-fatt timpinġi, fuq dak li minn dejjem kien meqjus bħala tali (dħul u sovranità fiskali).

Hi l-konvinzjoni tagħna li fil-qafas ta' wara t-Trattat ta' Liżbona, jekk tkun mitluba tagħmel hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta u tapplika dawn id-dispożizzjonijiet u prinċipji tat-Trattat b'mod strett, kif kien mistenni mill-Istati Membri meta dawn irratifikaw it-Trattat ta' Liżbona.

Fid-dawl ta' dan, nikkunsidraw li t-Trattati ma jikkonferux is-setgħa lill-istituzzjonijiet li jadottaw miżura li tipprova tistabbilixxi reġim ta' CCCTB għad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva, permezz ta' konsolidazzjoni u tqassim (apportionment), u b'mod daqstant estensiv, bħala Direttiva taħt l-Artiklu 115. Għaldaqstant, in vista tad-dispożizzjoni kategorika dwar il-prinċipju tal-konferiment fit-Trattati ġodda, il-Kummissjoni għandha dover akbar li turi li kull miżura proposta taħt l-Artiklu 115 (interpretata fil-kuntest tal-Artiklu 114), taqa' fit-termini tiegħu. Dan ma jkunx il-każ jekk miżura twassal għall-kreazzjoni ta' sistema li tmur lil hinn mil-limiti tal-armonizzazzjoni ta' liġijiet, u aktar minn hekk timpinġi fuq is-sovranità fiskali bħala funzjoni essenzjali tal-istat.

Ir-raġunijiet għaliex il-Parlament jemmen li din il-Proposta tal-Kummissjoni tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà huma kif ġej:

- Fuq nota ġenerali, ir-regoli ġodda fi ħdan il-Proposta dwar is-CCCTB huma fihom infushom sors ta' inċertezza billi dawn ma jibbenefikawx minn storja ta' interpretazzjoni, kemm minn amministrazzjonijiet ta' taxxa u kemm minn tribunali. Iktar minn hekk billi s-CCCTB hu opzjonali, il-kumpaniji jsibu quddiemhom mhux biss 27 ktieb differenti ta' regoli kurrenti, imma wkoll is-CCCTB. Filwaqt li wieħed jista' jargumenta li din is-sistema tista' jkollha xi vantaġġi għal intrapriżi kbar, kumpaniji żgħar jistgħu jsibu ruħhom f'diffikultà biex jagħżlu l-aħjar sistema għalihom. Dan japplika kemm għal kumpaniji li huma membri ta' grupp kif ukoll dawk li mhumiex. Dawn tal-aħħar jingħataw l-għażla taħt id-Direttiva proposta li japplikaw is-CCCTB ukoll. Barra dan, filwaqt li l-proposta ma tolqotx ir-rati ta' taxxa li jiġu applikati minn Stati Membri, billi l-Proposta mhix waħda newtrali f'dak li jirrigwarda d-dħul, jista' tabilħaqq jiġri li l-Istati Membri ikunu mġiegħla jibdlu r-rati ta' taxxa tagħhom f'kull każ. Filwaqt li l-għan tas-CCCTB hi li tinħoloq azzjoni koordinata, il-fatt li is-CCCTB hija opzjonali u li tapplika wkoll għal kumpaniji li ma jiffurmawx parti minn grupp, ifisser li mhux ser ikollha dan l-effett. Għaldaqstant, l-għanijiet ta' din id-Direttiva mhux ser jintlaħqu b'mod aktar effiċjenti fuq livell tal-Unjoni.
- Filwaqt li s-CCCTB tista' toffri xi forma ta' tnaqqis fl-ispejjeż għall-konformità, għażla bejn kalkolu separat tal-profitti u s-CCCTB ma tistax tkun il-proposta adattata. Barra minn hekk, l-idea ta' *one-stop shop* tagħti l-impressjoni li kull kontribwent tat-taxxa jkun qed jittratta ma'

2

amministrazzjoni waħda tat-taxxa. Madankollu, filwaqt li taħt is-sistema normali kumpaniji u individwali jittrattaw mal-awtoritajiet tat-taxxa rispettivi, taħt is-CCCTB, kumpaniji individwali jkollhom jinteraġixxu dejjem aktar mal-kontribwent tat-taxxa ewlieni, kemm meta ssir il-konsolidazzjoni kif ukoll meta jsiru l-verifiki mill-awtorità kompetenti ewlenija. Dan għaliex il-kumpaniji individwali għandhom l-obbligu taħt is-CCCTB li jżommu kull rekord u dokument ta' prova. Barra minn hekk, ma jidhirx li s-CCCTB hu meħtieġ biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità dwar prospetti u stimi ta' taxxa. Dan il-għan jista' jintlaħaq permezz ta' mezzi oħra aktar 'sussidjarji' u proporzjonali. Pereżempju, bl-introduzzjoni ta' mezzi elettroniċi f'livell ta' Stat Membru, dawk l-ispejjeż jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Iktar minn hekk, kumpaniji li jkunu qegħdin jadottaw is-CCCTB (kemm jekk bħala parti minn grupp kemm jekk mhux hekk) ikollhom iġarrbu spejjeż addizzjonali minħabba fil-bidla. Dan għandu importanza partikolari għal kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. Għaldaqstant, mhix meħtieġa azzjoni fuq livell tal-UE biex jinkiseb dan l-għan. Il-Parlament ta' Malta hu tal-fehma li azzjoni f'dak l-Istat Membru hija suffiċjenti sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.

- Wieħed mill-għanijiet tas-CCCTB hi li tneħħi s-sistema kumplikata ta' pprezzar tat-trasferimenti li tapplika bħalissa għal transazzjonijiet fi ħdan il-gruppi. Il-Parlament ta' Malta hu tal-fehma li s-CCCTB ma jeliminax l-ipprezzar tat-trasferimenti billi dan għadu japplika f'dak li jirrigwarda kumpaniji mhux fis-CCCTB jew bejn kumpaniji fi gruppi ta' CCCTB differenti. Il-Proposta nnifisha tirrikonoxxi li s-CCCTB mhux se telimina t-tilwim bejn Stati Membri[1]. Iktar minn hekk, diġà jeżistu mekkaniżmi li jistgħu jittrattaw tilwim bejn Stati Membri dwar din il-kwistjoni, jiġifieri kull ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja u l-Ftehim dwar l-Arbitraġġ. Bl-istess mod, il-Forum tal-UE dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti jgħaqqad l-amministrazzjoni tat-taxxa minn Stati Membri u dawk ta' rappreżentanti kummerċjali biex jirriżolvu l-problemi li jinqalgħu dwar it-trasferiment ta' prezzijiet. F'dan ir-rigward, dan il-Forum kiseb għadd ta' riżultati, inkluż proposti għal kodiċi ta' mġieba li jagħtu gwida ta' valur u li ġew approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant mhix meħtieġa azzjoni fuq livell tal-UE biex jinkiseb dan l-għan billi diġà jeżistu mekkaniżmi adattati. Ma jidhirx li permezz tal-Proposta tas-CCCTB dan l-għan ser jinkiseb aħjar billi hu rikonoxxut mis-CCCTB nnifsu li jista' jkun hemm xi tilwim.

- Is-CCCTB timmira li tieħu kont sħiħ ta' attivitajiet kummerċjali transkonfinali u hekk tiġi evitata t-taxxa żejda billi titħalla ssir il-konsolidazzjoni tal-profitti u t-telf f'livell tal-UE[2]. Filwaqt li l-konsolidazzjoni jikseb dan ir-riżultat, l-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjoni fuq livell nazzjonali biex inaqqsu t-telf li jagħmel il-grupp u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja diġà ppronunzjat ruħha dwar din il-kwistjoni (ara l-każ *C-446/03 Marks & Spencer plc v David Halsey (Her Majesty's Inspector of Taxes)*). Azzjoni fuq livell tal-UE mhix meħtieġa sabiex jinkiseb dan l-għan, billi azzjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet jistgħu jittieħdu suffiċjentement fuq livell nazzjonali.

- Għan ieħor tas-CCCTB hu li jnaqqas l-opportunitajiet żejda jew mhux intiżi ta' ppjanar ta' taxxa għal kumpaniji bl-applikazzjoni ta' 27-il sistema korporattiva ta' taxxa parallela fl-Unjoni billi tiġi inkluża regola ġenerali kontra l-abbuż, supplementata b'miżuri mfassla biex irażżnu tipi ta' prattiċi speċifiċi.[3] Il-Parlament ta' Malta hu tal-opinjoni li diġà jeżisti mekkaniżmu li jirregola prattiċi tat-taxxa dannużi fi ħdan l-UE, jiġifieri l-Grupp tal-Kodiċi ta' Mġieba (Taxxa Kummerċjali). Rakkomandazzjonijiet magħmulin minn dan il-Grupp u sussegwentement approvati mill-Kunsill għall-Ekonomija u l-Affarijiet Finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-Parlament hu tal-fehma li mhux meħtieġ li tittieħed azzjoni f'livell tal-Unjoni biex jinkiseb dan l-għan billi diġà jeżistu l-mekkaniżmi meħtieġa u peress li ma jidhirx li s-CCCTB ser jikseb aħjar dan il-għan.

- Il-formola ta' tqassim *(apportionment formula)* tikkorrispondi għall-element ta' konsolidazzjoni fil-Proposta. Il-Parlament hu tal-fehma li din il-formola tikkawża distorsjoni fir-rigward tal-vantaġġ komparattiv u kompetittiv tal-Istati Membri, tippremja ekonomiji li għandhom primarjament dipendenti fuq setturi ekonomiċi li jinvolvu xogħol intensiv, u tippenalizza dawk l-ekonomiji fejn

[1] Artikolu 123 tal-Proposta.
[2] Preambolu 6.
[3] Preamboli 10 u 20.

il-livell ta' produttività hu relattivament għoli u/jew ikunu mexjin lejn attivitajiet ekonomiċi ta' valur miżjud għola u/jew fejn id-daqs tas-suq huwa limitat. Barra dan, studji[4] juru li:

- il-piż tat-taxxa korporattiva fuq id-dħul potenzjalment jiżdied bis-CCCTB. Ir-raġuni prinċipali hi l-mekkaniżmu ta' tqassim ser ifisser li proporzjon ikbar ta' dħul jitqassam lil, u jiġi ntaxxat fl-Istati Membri b'rata ta' taxxa korporattiva aktar għolja.
- il-formola ta' tqassim mistennija tikkawża distorsjoni qawwija u ma tirriflettix il-bażi ekonomika ta' negozju modern. Dawn id-distorsjonijiet ifissru li din it-taxxa tista' sservi ta' impediment konkret għal transazzjonijiet kummerċjali. Hemm probabbiltà li kumpaniji jħarsu barra mill-UE bħala lok fejn jinvestu, bl-impatt ta' dan jinħass l-aktar f'dawk l-ekonomiji Ewropej li jiddependu fuq l-investiment dirett barrani għat-tkabbir tal-ekonomiji tagħhom. Barra minn hekk, fowkus akbar fuq l-elementi tal-mekkaniżmu ta' allokazzjoni jista' jikkawża distorsjonijiet sinifikanti fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-impjiegi.

Il-Parlament ifakkar li l-Kapijiet tal-Istat jew Gvern taż-Żona Ewro qablu li 'L-iżvilupp ta' taxxa komuni tal-kumpaniji jista' jkun triq 'il quddiem mingħajr inċidenza fuq id-dħul (revenue neutral way forward) biex tiġi żgurata konsistenza fost is-sistemi fiskali nazzjonali filwaqt li jiġu rrispettati strateġiji fiskali nazzjonali, u jingħata kontribut għas-sostenibbiltà fiskali u l-kompetittività tan-negozji Ewropej.' Taxxa korporattiva komuni tista' tkun mingħajr inċidenza fuq id-dħul sakemm tirrispetta l-vantaġġ komparattiv u kompetittiv tal-Istati Membri. Barra minn hekk l-Kapijiet tal-Istat jew Gvern taż-Żona Ewro rreferew għal taxxa korporattiva komuni mhux taxxa korporattiva konsolidata komuni.

Għaldaqstant, il-Parlament jemmen li din il-formola ma tissodisfax il-premessa ta' għan li jista' jintlaħaq 'aħjar fuq il-livell ta' Unjoni'. Anzi, l-azzjoni proposta fuq livell Ewropew ikollha effetti negattivi.

**Konklużjoni**

1. Il-Parlament Malti jikkunsidra li t-Trattati ma jikkonferux b'mod ċar is-setgħa lill-Istituzzjonijiet li jaddottaw, taħt l-Artiklu 115, Direttiva li fiha miżura li tipprova tistabbilixxi s-sistema proposta ta' CCCTB għad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva, permezz ta' konsolidazzjoni u apporzjonament, u b'mod daqstant estensiv. Għaldaqstant, minħabba d-dispożizzjoni kategorika dwar il-prinċipju tal-konferiment fit-Trattati l-ġodda, il-Kummissjoni għandha l-akbar dover illi turi li kull miżura proposta taħt l-Artiklu 115 (interpretat fil-kuntest tal-Artiklu 114 TFUE, kif ukoll ta' Artiklu 4 tat-TUE), taqa' taħthom. Ma tkunx qed tagħmel dan jekk il-miżura tammonta għall-kreazzjoni ta' sistema li tmur lil hinn mil-limiti ta' armonizazzjoni ta' liġijiet, u barra minn hekk timpinġi fuq is-sovranità fiskali bħala funzjoni essenzjali tal-istat.

2. F'kull każ, l-eżerċizzju ta' kull setgħa mifhuma tal-Unjoni (jekk mhux esklużiva) trid tissodisfa l-prinċipju tas-sussidjarjetà, u f'kull każ dak tal-proporzjonalità. Biex tipprova dan, il-Kummissjoni trid turi

   (1) li azzjoni mill-Istati Membri individwalment jew flimkien b'mod volontarju ma jistgħux jilħqu r-riżultati intiżi filwaqt li azzjoni proposta fuq livell ta' Unjoni jagħmel dan, u b'mod 'aħjar' (sussidjarjetà) u

   (2) li l-miżura hi neċessarja sabiex ikun faċilitat l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern filwaqt li ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħaq l-objettiv: id-Direttiva proposta m'għandhiex tagħmel aktar minn dak li hu neċessarju sabiex jitneħħew ostakli ċari u tkun addattata, neċessarja u

---

[4] A study on the impact of the Common Consolidated Corporate Tax Base proposal on European business taxpayers dated January 2011, carried out by Ernst &Young.

proporzjonata sabiex jintlaħaq dak ir-riżultat (proporzjonalità). Barra minn hekk, fil-preżentazzjoni tal-Proposta, il-Kummissjoni trid tiġġustifika fid-dettall kif il-proposta tirrispetta b'mod sħiħ dawn il-prinċipji, u turi kif benefiċċji ċari ser ikunu akbar mill-effetti negattivi. Ma nqisux li dan sar f'din il-Proposta. Ma ġewx preżentati ġustifikazzjonijiet kwalitattivi jew kwantitattivi suffiċjenti. Nargumentaw li ma hemmx tali ġustifikazzjonijiet, iżda miżura ta' spekulazzjoni konsiderevoli.

Peress illi jinftiehem li l-Kummissjoni nnifisha rrikonoxxiet, u għandha tagħmel dan fid-dawl li qed tirrikorri għall-Artiklu 115 (unanimità fil-Kunsill) bħala l-bażi legali, din il-Proposta tidħol fuq is-sovranità tal-Istati Membri f'materji ta' tassazzjoni diretta, ir-riżultat antiċipat hu li jxekklu lil Malta u lill-Istati Membri l-oħra milli jieħdu deċiżjonijiet dwar politika tat-taxxa, bħal fuq ir-rata tat-taxxa, li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv il-pożizzjoni ekonomika fiż-żmien qasir, intermedju u fit-tul. L-Artiklu 115, il-bażi legali magħżula mill-Kummissjoni, tirrikjedi unanimità fil-Kunsill. Għaldaqstant, sabiex ikun hemm il-kunsens ta' Stat Membru, il-miżura ma għandhiex tkun tali li torbot l-idejn ta' dawn l-Istati sovrani, issa jew fil-futur, milli jifformulaw il-politika nazzjonali fl-elementi kollha tagħha. Lanqas ma jista' jkun fl-interess tal-Unjoni li tagħmel dan b'mod li jimmina l-bażi fiskali u baġitarja ta' numru, jew xi wieħed, mill-Istati Membri. Però, dan hu proprju dak li qed tipprova tagħmel din il-miżura. Din il-Proposta taffettwa negattivament l-awtonomija nazzjonali f'dan ir-rigward u għaldaqstant il-possibbiltà li t-taxxa tiġi strutturata mill-Istat Membru skont iċ-ċirkostanzi soċjo-ekonomiċi tiegħu, sew fuq livell ċentrali jew fuq livell reġjonali u lokali.

It-tieni nett, f'dak li hu għażla tal-mudell tas-CCCTB u għaldaqstant b'mod partikolari l-element ta' konsolidazzjoni (apporzjonament tad-dħul) – l-element bażiku tal-Proposta – din il-Proposta tmur għall-mudell (minn diversi disponibbli) li jirriżulta fl-aktar tibdil fis-sistemi fiskali nazzjonali f'numru ta' Stati Membri filwaqt li timponi aktar piżijiet fuq l-ekonomiji nazzjonali u fuq l-UE, b'riżultati dubjużi fiż-żmien qasir, intermedju u fit-tul. Fil-fatt, riżultati negattivi huma antiċipati minn diversi aspetti, f'dak li hu PGD, telf ta' dħul, spejjeż, u impjiegi. Ma ġiex muri biċ-ċar illi l-proposta twassal għall-ġid komuni tal-UE, li hi meħtieġa għal dan il-għan, u li l-Istati Membri ma jistgħux huma stess jilħquhom b'mod suffiċjenti. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri li jwasslu li jintlaħqu diversi mill-objettivi 'speċifiċi'. Diversi elementi jistgħu jiġu implimentati mill-Istati Membri individwalment jew flimkien billi jużaw mekkaniżmi li

(i) ma jidħlux b'dan il-mod u b'mod daqshekk estensiv fuq is-setgħat tal-Istati Membri u

(ii) li joffru prospett tajjeb biżżejjed li jinkoraġġixxu attività transkonfinali. Barra minn hekk, komunalità akbar tista' tintlaħaq, u l-objettivi aktar wiesa' li jistgħu jintlaħqu b'mod bilanċjat, permezz ta' koperazzjoni u livelli aktar baxxi ta' 'armonizzazzjoni' milli qed jiġi propost, bħal pereżempju bażi tat-taxxa korporattiva komuni mingħajr konsolidazzjoni.

Għaldaqstant, mhux possibbli għall-Kummissjoni li targumenta li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità qed ikunu rispettati. Għażliet anqas intrusivi jistgħu jwasslu li jintlaħqu dawn l-objettivi, fiż-żmien kemm viċin kif ukoll fit-tul, mingħajr indħil daqstant sinifikanti u mingħajr effetti tant negattivi.

Infakkru li anke l-objettivi tal-Unjoni nnifisha nbidlu u nfirxu, bil-bżonn li għanijiet u prijoritajiet ġodda jkunu bilanċjati ma' dak ta' integrazzjoni diretta bil-għan li jitneħħew l-ostakli kollha, attwali jew perċeputi, sabiex is-suq intern ikun komplut. Valuri u objettivi oħra jeżistu flimkien ma' dawk tal-'integrazzjoni' fis-sens tal-Komunità Ewropea. Ċertament, l-istabilità ekonomika u fiskali huma fost dawn l-objettivi.

Fl-opinjoni tal-Parlament Malti, il-Proposta kurrenti ma tissodisfax, u ma ġiex muri li tissodisfa, la l-prinċipju tas-sussidjarjetà u lanqas il-prinċipju tal-proporzjonalità.

5

**Minħabba l-impatt fuq is-sovranità tal-Istat, minħabba l-konsegwenzi serji antiċipati minn din il-miżura kif inhi, partikolarment għal dawk l-ekonomiji li jiddependu mis-servizzi li ilhom jiġu ppjanati għexieren ta' snin, minħabba li l-benefiċċji, kemm għal diversi Stati Membri kif wkoll għall-Unjoni, ma jeżistux meta mqabbel mal-ħsara jew, huma jekk xejn spekulattivi u dubjużi:**

**Il-Parlament Malti ddeċieda li joġġezzjona għall-Proposta u li jwassal din l-opinjoni motivata skont il-proċedura definita fl-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u Proporzjonalità, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.**

**17 ta' Mejju 2011**

**Kamra tad-Deputati**
**Parlament ta' Malta**

6